*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 82**

**Il-Tnejn 25 ta' Marzu 2019**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar-Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**82.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**82.1.1** Ma kien hemm l-ebda ittra ta apoloġija.

**82.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 81 tas-18 ta' Frar 2019:***

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**82.2.1** Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet fuq paġna 7 paragrafu 81.5.1 rigward l-offerta tal-bini tal-Kunsill u fuq paragrafu 81.5.2 rigward l-offerta tal-tisbieħ ta' Ġnien Sant'Anna.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġiba li ser tiġi diskussa iktar tard f'din is-seduta.

**82.2.2** Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet fuq paġna 9 paragrafu 81.6.3 fuq l-inkonvenjent li qed ikollom ir-residenti mill-istorbju tan-*nightclub Beachcomber*.

Is-Segretarju Eżekuttiv weġibha li kien kiteb lis-Supretendent iżda ma kelniex risposta.

Il-Kunsill qabel unaniment li nerġgħu nibgħatu *reminder* u ntuh ġimgħa ċans għar-risposta u jekk ma jkolniex risposta nibgħatu lill-Kummissarju, lil Ministru ikkonċernat u l-*Planning Authority*.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar daħal għal laqgħa fis-6.05pm***

**82.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 4 paragrafu 81.3.1 fuq it-twaqqiegħ tal-bini tal-Jerma fejn qal illi għalkemm il-Kunsill irċieva risposta mingħand il-PA it-tribunal tal-Appell għadu ma ltaqax u għaldaqstant għandha issir pressjoni sabiex it-tribunal jiltaqa b'urġenza minħabba li ilhom mis-sena 2016 sabiex tittieħed deċizjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nibgħatu lit-Tribunal tal-Appell sabiex jiltaqa b'urġenza ħalli tittieħed deċiżjoni.

**82.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 l-ewwel paragrafu fejn qal illi kellna nkelmu lil Enemalta qabel ma ssir Triq il-Qaliet minħabba l-*load* tal-dawl u sabiex jinbidlu s-servizzi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bagħat lil Perit Vassallo u kien kellem lil xi persuna teknika fuq dawn in-nuqqasijiet.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-ikbar problema hija l-*load* tad-dawl meta għad hemm djar li hemm probabilta` li ser jinbidlu fi *flats* u jista jkun hemm problemi serji bil-*load*.

Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri għandu jitkellem mas-CEO tal-Enemalta lis-Sur Jason Vella.

Is-Segretarju Eżekuttiv kiteb imejl waqt is-seduta lil-Perit David Vassallo Infrastructure Malta bil-punti kollha.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li fl-opinjoni tiegħu x-xogħol fi Triq il-Qaliet mhux qed jsir sew għax qed jinqalgħu ħafna biċċiet ta' bankini min ħafna truf differenti. Huwa qal li l-ewwel għandha titlesta l-parti ta' San Tumas imbagħad jitkompla x-xogħol ġo parti oħra. Apparti minn hekk huwa qal ukoll li qed jiddepożitaw it-terrapien fit-triq li qed joħolqu inkonvenjent lir-residenti.

Is-Sindku qal illi l-kumpanija li qed taħdem fi Triq il-Qaliet hija r-Rockcut fejn hu qiegħed f'kuntatt miegħu ta' kuljum u l-problema li kien hemm ħdejn il-villel għaliex kien hemm xi problemi fuq il-livelli tal-ilma iżda din il-ġimgħa għandhom jibdew.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk hux il-bankina ser tinqala kollha jew biċċiet.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet li l-Kunsill mhux qed jiġi ikkonsultat.

Is-Segretarju Eżekuttiv kiteb imejl waqt is-seduta fejn staqsa rigward dawn in-nuqqasijiet kollha.

**82.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 paragrafu 81.2.6 rigward il-problema tal-*caravans* fil-Bajja San Tumas.

- ***Is-Sindku ħareġ mil-laqgħa fis-6.15pm u ipresidiet il-laqgħa il-Viċi Sindku Dr.Desiree Attard.***

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-6.22pm.***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm żewġ postijiet ġo Malta fejn huwa legali li tibqa bil-*caravan* u Marsaskala mhux wieħed minnhom.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li mhux qed jsir *enforcement* ta' xejn għax anke ħafna karrozzi pparkjati fuq il-bankini qed jkun hemm.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li *caravan* jista jmur filgħodu u jitlaq filgħaxija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Puluzija ġieli jinterpretawa li *weekend* jistgħu joqgħodu.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lil ERA u PA ħalli jiġu osservati ir-regolamenti tal-caravans f'Marsaskala kemm dawn li hemm preżenti ġewwa il-Bajja ta' San Tumas u f'kull inkwa żona oħra.

**82.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 paragrafu 81.2.4 fuq il-kuntrattur tal-*patching* jekk sarx il-kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kuntratt ġie iffirmat imma l-*performace bond* għadu ma ġabiex avolja għamilha ċara miegħu biex jġibha.

Kien hemm diskussjoni dwar dan il-kuntratt u staqsew jekk tistax l-offerta tingħata lilt-tieni offerent.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi d-differenza bejn l-ewwel offerent u t-tieni offerernt hija waħda konsiderevoli. Huwa kompla jgħid illi jekk sa għada ma jġibx il-*performance bond* ser jirreferi għad-dipartiment tal-kuntratti sabiex naraw jekk tistax tingħata lit-tieni offerent.

**82.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 4 paragrafu 81.7.4 rigward il-*bus shelter* li hemm fi Pjazza Mifsud Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet ġiet sottomessa applikazzjoi lil PA minn TMalta li għad trid tiġi approvata.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kienu tkellmu sabiex titneħħa c-*central strip* ta' Pjazza Mifsud Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu tkelmu ma' TMalta iżda bqajna bla risposta u kienet saret saħansitra laqgħa magħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jekk titneħħa c-*central strip* insolvu parti mil-problema tal-ilma tax-xita għaliex ma jżommx daqskemm qed iżomm fil-preżent.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi nfatti fl-istess seduta li għaddiet huwa kien għadda mozzjoni rigward il-problema tal-għargħar.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi rigward din il-mozzjoni konna bagħtna lil *Infrastructure Malta* u talbuna *site plan* tal-postijiet u l-Kunsill kien wieġeb.

Ġie rrimarkat li kien sar *survey* mill-Perit sabiex issir *roundabout* ħdejn il-*Waterline* u għaldaqstant nistgħu nitolbu l-Perit nemendaw l-istess *survey* u naraw nistgħux ineħħu c-*central strip* sakemm ma tkunx ta' periklu. Il-proposta kif magħmula mil-Perit imbgħad għandha tintbagħat lil Infrastructure Malta.

**82.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 10 paragrafu 81.9.5 rigward il-fanali ta fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-Kappillan kien infurmah illi ma għamel l-ebda talba.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi huwa kien ressaq il-mozzjoni wara li kien tkellem mal-Kappillan.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-ġimgħa stess kien ċempillu l-Perit Zerafa Boffa fejn qed kien se jikkomunika mal-Kappillan direttament.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega ukoll illi l-kuntrattur li kien qed jaħdem fil-Pjazza kien qata l-cable tad-dawl taz-zuntier tal-Knisja u kienu qalulhu illi l-Enemalta trid isewwi l-ħsara iżda il-ħsara trid tissewwa mill-kuntrattur.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitolbu lil kuntrattur isewwi l-*cable*.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien bagħat direttament lil WSC peress li x-xogħol kien ħareġ min-naħa tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal ukoll illi il-gandott li kien sar quddiem il-latrina ta' taħt il-Knisja għadu ma sarx ir-reinstatment tiegħu u ilu għal ġimgħat sħaħ hekk.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud daħal għal laqgħa fis-6.39pm***

**82.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 4 paragrafu 81.3.1 fejn qal illi peress li l-Perit tal-Kunsill qal li ma kienx ser jelenka l-oġġezzjonijiet sabiex jitniżżlu fit-*terms of reference* tal-ERA x'kien ser jiġri.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li kien rċieva l-korrispondenza mil-Perit huwa kien bagħat dirett lil ERA bid-deċiżjonijiwt li kienu fis-seduta li keinet saret apposta.

**82.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 5 paragrafu 81.3.2 rigward il-klejm tad-*damaged tyre* fi Triq id-Daħla ta' San Tumas jekk il-klijent kienx waqqa l-klejm.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ħallasnih 70% tal-ħsara wara li l-*insurance* infurmawna illi kien waqqa il-klejm.

**82.3** ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

**82.3.5** **Reklamazzjoni tal-art f'Marsaskala:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara wieħed mil-komunikati li rċevejna fuq din il-materja mingħand diversi residenti fejn ma jaqblux illi issir ir-reklamazzjoni tal-art f'Marsaskala.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet illi l-Kunsill tax-Xgħajra kien ħareġ stqarrija fejn iddikjara illi l-Kunsill ma jaqbilx li issir reklamazzjoni tal-art ġewwa ix-Xgħajra.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi s-Sindku kien qal f'seduta prċedenti li l-Prim Ministru kien għamel diskors fuq hekk u kien iddikjara ili dawn huma qlajjiet.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li jinsab kuntent li r-residenti huma konxji u attivi fuq il-ħarsien tal-ambjent. Huwa qal illi il-Gvern qed jgħamel l-istudji u hu ma jaqbilix assolutament li jsiru dawn l-istudji. Huwa stqarr illi jekk il-Kunsill jrid jkun kredibli fuq l-oġġezzjoni tiegħu rigward ir-reklamazzjoni tal-art ma jistax imbgħad il-Kunsill jkun favur mal-bini tal-Universita` Amerikana fiż-Żonqor, lanqas mal-bini tal-Kunsill fi Ġnien Sant'Anna, lanqas ma bini ta' pixxina ġdida u lanqas mal-bini tal-eks Jerma għaliex dan huwa ġenoċidju amjentali. Huwa qal illi jekk il-Kunsill ser joħroġ stqarrija sabiex l-oġġezzjoni tal-reklamazzjoni tal-art, għaldaqstant jrid joġġezzjona fuq il-proposti l-oħra wkoll.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li ma tistax titfa kollox f'keffa waħda.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li jekk qed jsir studju fuq reklamazzjoni tal-art l-barra minn Marsaskala huwa ma jaqbilix.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li ser ssir staqrrija fuq xi ħaġa li għad ma nafu xejn fuqha.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li l-istqarrija qed issir fuq dak li ntqal fuq il-*media*. Huwa qal li jkun aħjar jekk nistaqsu l-ewwel.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hu l-aħħar li kien sema fuq din il-materija kien mid-diskors tal-Prim Ministru li qal li dwar din il-materja għad m'hemmx xejn u li ġon-naħa tas-South ma kien hemm l-ebda ħsieb li jsir.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jekk ser jieħdu deċiżjoni fuq il-konkret ser jkun tard wisq.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet illi l-istudju qed isir mil-kumpanija barranija Scott Willson.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi milli jidher li ħadd ma jaqbel mar-reklamazzjoni tal-art imma d-deċizjoni minn fuq il-*media* qed tittieħed. Huwa kompla jgħid illi infatti lanqas *coring* għadu ma sar.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi huwa lanqas li jsir l-istudju ma jabel għaliex jekk il-Kunsill ma jaqblix mar-riklamazzjoni tal-art allura lanqas l-istudju ma għandu għalfejn jsir.

Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard staqsiet jekk jaqblux illi l-ġimgħa d-dieħla joħorġu stqarrija.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li ma jaqbilx li għandhom joħorġu stqarrija għax għad mhux ikkonfermat minn min qed isir dan l-istudju.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li għandu jkollna *political commitment* li mhux ser ssir ir-reklamazzjoni tal-art

Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard qrat l-istqarrija tal-Kunsill tax-Xagħjra.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li jabqel ma din l-istqarrija għaliex din hija talba għal aċċertazzjoni .

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-istudju qed jsir min-naħa ta' isfel ta' Malta san-naħa ta' fuq ta' Malta.

*Il-Viċi Sindku pproponiet mozzjoni b'urġenza sabiex il-Kunsill jibgħat stqarrija stampa simili fil-kontenut bħal tal-Kunsill Lokali Xagħjra u tintbgħat fuq il-mezzi tax-xandir, lil Uffiċċju tal-Prim Ministru, lil Ministru tal-Ambjent u l-Oppożizzjoni.*

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda din il-mozzjoni.

Ittieħdet votazzjoni hekk kif imniżżel hawn taħt

4 Favur – Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt, il-Kunsillier Charlot Cassar, il-Kunsillier John B. Camilleri u l-Viċi Sindku Desiree Attard
4 Kontra – Il-Kunsillier Lawrence Ciantar, il-Kunsillier Daniel Spiteri, il-Kunsillier Elisabeth Cassar u l-Kunsillier Charlot Mifsud.

Peress li l-votazzjoni ġiet pari allura l-Viċi Sindku Dr.Desiree Attard utilizzat il-*casting vote* u għaldaqstant il-votazzjoni ġiet 5 Favur u 4 Kontra.

Din il-mozzjoni għaddiet.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li aħna Gvern Lokali u ma nistgħux nibagħtu stqarrijiet lil Ministru ikkonċernat u l-Prim Ministru fuq xi ħaġa li mhux konkreta. Huwa kompla jgħid li f'din il-leġislatura smajna diversi affarijiet li umbgħad ma sar xejn fuqhom. Huwa qal li huwa tal-opinjoni li niktbu sabiex nistaqsu lil Ministru l-ewwel.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jekk il-Kunsill Lokali tax-Xgħajra ħareġ diġa stqarrija li huwa kontra r-reklamazzjoni tal-art u jekk il-Kunsill ta Marsaskala mhux ser joħroġ stqarrija ser ngħatu l-impressjoni li tista issir ġewwa Marsaskala u ser nwaqqu il-ġebla fuq saqajna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa vvota kontra għaliex huwa ma jaqbilx li l-ewwel toħroġ stqarrija imma l-ewwel għandna niktbu lil ERA, lil Ministru ikkonċernat u jekk ir-risposta ma tkunx konkreta li mbagħad wara għandha toħrog stqarrija.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet li hija taqbel ma dak li qed jgħid il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar imma r-rejalta hija li qatt mhu ħa jkollna risposta.

Il-Kunsill qabel illi għandna nibgħatu għal iktar informazzjoni lil ERA u l-Ministru responsabli ukoll.

**82.3.1 <u>PC 0024/18:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-PA ma laqgħux il-proposta tal-iżvillupattur li qed jibni fi Triq il-Grigal ma Triq is-Sajjieda sabiex jbiddel il-*building alignment*.

**82.3.2 <u>Collaboration to embillish the area of il-Maqgħluq:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi s-Sindku kien qed jikkomunika ma rappreżentant tan-*Nature Trust* fuq xi affarijiet li hemm ta' ostaklu rigward it-tindif fil-Magħluq. Huwa kompla jgħid illi fosthom hemm il-*bring in site* u fejn jiddisponu l-ħwejjeg, hemm ukoll dgħajsa ipparjkata quddiem l-entratura.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fuq mezzi tax-xandir sema illi għad jridu jaraw minn fejn ser jġibu il-fondi.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li skond ir-rapport tal-ERA kien hemm illi jrid jibda jitnaddaf qabel is-sajf.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatar staqsa jekk il-*bring in site* hux ser ineħħuha jew tiġi rilokata.

Il-kunsill qabel unanimament illi l-*bring is-site* u tal-ħwejjeġ titneħħa u nagħtu l-*go ahead* lil *Nature trust* sabiex jitolbu lil entitajiet ikkonċernati sabiex titneħħa d-dagħjsa.

**82.3.3 <u>Vehicle damages fi Triq il-Qaliet:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta klejm ta' resident fuq ħsara li ġarrab fil-vettura tiegħu fi Triq il-Qaliet minħabba xogħlijiet li saru mill-GO.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-klejm ma jitħallasx mill-Kunsill u ngħidu lil dan ir-residenti sabiex jibgħat il-klejm lil GO.

**82.3.4 <u>Ksur tar-Regolamenti ambjentali fil-Bajja San Tumas Marsaskala:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-materja se jirrispondi għalija s-Sindku u peress li mhux qiegħed preżenti jkun aħjar jekk tiġi diskussa fil-presenza tiegħu. Huwa qal li s-Sindku infurmah li qed jagħmel l-aħjar li jista sabiex jindirizza il-problema.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi mil-maltemp li għamel hemm diżastru fil-baħar.

Il-Viċi Sindku qalet li għandna nipposponu dan is-suġġett għal seduta oħra biex ikun jista jinformana s-Sindku.

**82.3.5 <u>Master Plan fil-lokal:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li kien talab sabiex jsir *master plan* u jixtieq jkun jaf jekk kelniex risposta.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li s-Sindku f'xi laqgħa preċedenti kien qal li kien iltaqa mal-Ministru Ian Borg fejn kienu tkelmu dwar il-*master plan*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar talab sabiex jkun hemm *update*.

**82.3.6 <u>Aġenda fin-notice boards.</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-aġenda ma ġietx imwaħla fin-*notice board* ta' Żonqor u hemm bżonn anke li tibda tittella fuq facebook.

Il-Kunsill qabel sabiex l-amministrazzjoni tieħu ħsieb li l-aġenda titwaħħal u li l-aġenda tibda titella fuq *facebook*.

**82.4 <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**82.5 <u>Rapporti:</u>**

**<u>Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2018/08 – Construction of Marsaskala Local Council Administrative office:</u>**

**82.5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*evaluation report* lil Kunsilliera u spjega illi wara li l-Kunsill kien talab lil bord sabiex jitlob *discount* lill-uniku offerent li kien hemm, il-bord kien iltaqa` u bagħat rikjesta għal *discount*. Huwa spjega illi l-offerent irrisponda fiż-żmien u bagħat discount fejn l-offerta oriġinali kienet €647,369.46 filwaqt illi bid-*discount* ġiet €474,208.76. Huwa qal illi l-offerta tal-Bava Holding Ltd hija *adminsitrative, technical and financially compliant.*

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet jekk bid-*discount* hux qedgħin mal-*budget*.

Is-Segretarju Eżekuttiv weġiba li qedgħin ftit iktar mill-*budget*. Huwa fakkar lil Kunsilliera illi l-Kunsill kien irnexxilu jirbaħ €150,000 għal dan il-proġett nil-iskema proġetti kapitali.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet jekk wara li ntalab id-*discount* jistax il-kunsill ma jaġġudikax din l-offerta.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li ser norbtu idejn Kunsill ġdid fuq proġett kapitali.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet jekk hux possibli li din l-aġġudikazzjoni tiġi posposta għal xahrejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv weġibha li hemm xi żmien li ma jridx jinqabeż.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li sema xi kanditati għal Kunsill il-ġdid li ma jaqblux mal-bini tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jifhem li hija kas ta' prudenza, pero` il-Kunsill ilhu dawn l-aħħar 22 sena jiddiskuti fuq dan il-proġett, u l-kera tal-ufficċini dejjem qed togħla u ser jaslu f'sitwazzjoni li ser jaqgħu lura jekk ma tittieħidtx deċiżjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi la għadom Kunsilliera f'din il-leġislatura għandhom jieħdu deċiżjoni dwarha huma.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa jaqbel mija fil-mija mal-proġett.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li qed jpoġġu l-flus qabel l-interess tal-ambjent.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li ġiet diskussa ħafna drabi.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li bil-vot li ser jittieħed ser jiddetermina li jibda ix-xogħol u l-ispazju li hemm ser jinbela.

*Il-Kunsillier John B. Camilleri għadda mozzjni b'urġenza sabiex din l-offerta tingħata lil Bava Holdings Ltd għal prezz mogħti bid-discount li huwa €474,208.76.*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mfisud issekonda

Ittieħed vot li jaqra kif ġej:

6 Favur – Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, il-Kunsillier is-sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt

1 Kontra – Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar

1 Astenzjoni – Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li mportanti li x-xogħol jkun osservat sabiex ma jkunx hemm *extra over* li jerġgħa jtella l-prezz u li l-Kunsill għandu dejjem jkun infurmat b'kull differenza.

**82.5.2** **Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2019/01 – Works for the upgrading of St Anne's Garden Marsaskala in an environmentally friendly matter.**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bord kien iltaqgħa sabiex jitlob *discount*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li mhux ser jiltaħqu d-*deadlines*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tlabna għal-estenzjoni tad-*deadline*. Iktar informazzjoni għanda tiġi pprovduta fis-seduta li jmiss.

**82.5.3** **Approvazzjoni ta' rapport finanzjarju 2018 kif aġġustat mill-Awditur:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta r-rapport finanzjarju 2018 kif aġġustat mill-Awdituri u qal li jista jkun hemm xi *cosmetic changes*.

Il-Kunsillier is-Sur Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju 2018 kif aġġustat mill-Awdituri u l-Viċi Sindku Dr. Desiree attard issekondat. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**82.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kienx hemm items oħra

**82.7** ***Korrispondenza:***

**82.7.1** **Applikazzjoni PA 11384/18 - (35/0777/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsillier b'din l-applikazzjoni ta' kamra antika fi Triq il-Qaliet fejn qalilom illi din l-applikazzjoni qeda tiġi evalwata minn diversi entitajiet fostom mingħand is-Supretendent tal-*Heritage* li kien tefa oġġezzjoni minħabba li ma kienx hemm *method statement* propju.

**82.7.2** **Latrini Pubbliċi f'Żoni Turistiċi – (35/0790/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-Foundation for Tourizm Zone Development flimkien mal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ħarġu bil-proposta illi ammont ta' Latrini f'Malta jiġi taħt idejhom flimkien mal-privat. Il-latrini kollha ta' Marsakala ġew magħżula fejn il-kuntrattur privata li ser jieħu dawn il-latrini jirrenġahom iżda is-servizz għal-użu tal-latrini jsiru bi ħlas ta' 50c. Huwa kompla jgħid illi l-latrini ta' Marsaskala għandhom ħafna ħsara.

Il-Kunsill qabel unanimament li nissieħbu ma' din l-inizjattiva liema inizjattiva saret b'kollaborazzjoni bejn l-Assoċċjaoni tal-Kunsilli Lokali u l-*Foundation for Tourizm Zone Development* filwaqt li s-sejħa għall-offerti toħroġ permess il-PPP.

**82.7.3** **Forestation Project (35/0857/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilli illi rappreżentant minn *Environmental Consultant Ltd* staqsew lil Kunsilli sabiex nidentifikaw postijiet fejn jistgħu jitħawlu is-siġar.

Peress li l-Kunsill ma għandux fejn jħawwel dawn is-siġar ġie issuġġerit sabiex ninfurmaw lis-Sur Steve Borg jekk jridux li jintużaw fl-Inwadar u nibgħatu lil minn qed jieħu ħsieb il-Family Park ukoll

Il-Kunsill qabel dwar dawn.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab sabiex nistaqsu fiex wasal il-proġett tal-Inwadar.

**82.7.4 PA 4710/18 (35/0924/19/I):**

Din il-materja ġiet diskussa iktar kmieni f'din is-seduta.

**82.7.5 PA/02784/17 – Planning Authority communication. Notification of Decision Notice (35/1028/19/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera bl-approvazzjoni tal-permess sabiex jiġu installati tankijiet tal-gas f'junction 8 fi Triq Sant'Anna ma Triq ix-Xatt ħdejn is-*Summer Nights Guesthouse.*

**82.7.6 Disposal of things from the fixed assets register:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lista tad-*disposals* fil-*fixed assets register* li jridu jiġu mħasra u jkunu jistgħu jintramew.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

- ***Il-Kunsillier is-sur Charlot Cassar ħareġ mill-laqgħa fit-8.25pm***

**82.7.7 Isem ġdid għal Triq Ġdida fi Triq il-Gross:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm bżonn li jingħata isem ġdid għal triq ġdida fi Triq il-Gross.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-isem ta' Triq il-Bajtar.

**82.7.8 Parking Spaces allocated Goto**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi dan il-proġġett tal-Gvern ġewwa Marsaskala huwa popolari ħafna u hemm bżonn li jiġu reallokati 4 parkeġġi li hemm diġa.

Il-Kunsill iddeċieda illi l-erbgħa parkeġġi jiġu reallokati hekk kif imniżżel hawn taħt:

Parkeġġ Nru 1 – Triq Sant'Anna ma Pjazza Dun Tarċis Aguis ħdejn il-bus shelter.
Parkeġġ Nru 2- Bajja San Tumas jiġi reallokat fil-parking area hekk kif propost mill-Goto.
Parkeġġ Nru 3 - Triq Dawret it-Torri jiġi reallokat hekk kif propost mill-Goto.
Parkeġġ Nru 4 – Triq Għaqet l-Għajn jiġi reallokat kważi faċċata ta' Triq ir-Rand.

**82.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Petty Cash għax-xahar ta' Frar 2019

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondiet. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**82.9 Mozzjonijiet:**

Il-Mozzjonijiet minn Nru 186 sa nru 188 ġew posposti għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss peress li huma kollha tas-Sindku u mhux ser jiġu diskussi fl-assenza tiegħu.

**82.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-8.45pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 15 ta' April 2019 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 25 ta’ Marzu 2019.

**IFFIRMAT** **IFFIRMAT**

_______________ ________________

**Josef Grech** **Desiree Attard**

Segretarju Ezekuttiv Viċi Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 82- is-Seba Leġislatura.**